IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.12.2011
KUMM(2011) 873 finali

2011/0427 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## Li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)

{SEG(2011) 1536 finali}
{SEG(2011) 1537 finali}
{SEG(2011) 1538 finali}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Introduzzjoni

Din il-proposta tipprovdi għall-qafas legali meħtieġ biex iwieġeb għat-talba tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2011 biex tkompli tiżviluppa ulterjorment is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex issir operazzjonali sal-2013, u tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri u l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[1] (Frontex), minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Aġenzija', biex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni operazzjonali u jtejbu l-kooperazzjoni.

L-għan tal-EUROSUR huwa li ssaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri esterni taż-żona Schengen. L-EUROSUR se tistabbilixxi mekkaniżmu għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri biex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni operazzjonali u jikkooperaw ma' xulxin u mal-Aġenzija sabiex inaqqsu l-imwiet fil-baħar u n-numru ta' immigranti illegali li jidħlu fl-UE bil-moħbi, u biex tiżdied is-sigurtà interna permezz tal-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfinali bħat-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu ta' drogi.

Ix-xogħlijiet li twettqu attwalment għall-ittestjar u l-istabbiliment gradwali tal-EUROSUR huma bbażati fuq pjan direzzjonali ppreżentat f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fl-2008.[2]

### 1.2. Bażi legali

Il-proposta leġiżlattiva hija bbażata fuq l-Artikolu 77 (2) (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li skontu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw miżuri li jikkonċernaw kull miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' *sistema ta' ġestjoni integrata għall-fruntieri esterni.*[3]

L-istabbiliment tal-EUROSUR jifforma parti minn politika bl-għan li ssaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Istati Membri. Għalhekk l-EUROSUR se tikkostitwixxi strument ġdid ta' politika li se jiffaċilita l-kooperazzjoni u jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni sistematiku bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Aġenzija dwar is-sorveljanza fuq il-fruntieri, xi ħaġa li bħalissa ma teżistix fuq livell tal-UE.

Ladarba jiġi adottat, l-att leġiżlattiv dwar l-EUROSUR ikun jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li r-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qed jieħdu sehem fih, iżda li huwa applikabbli għal erba' pajjiżi assoċjati (In-Norveġja, l-Islanda, l-Isvizzera u l-Liechtenstein). L-istati ta' Schengen huma impenjati biex iżommu standards komuni għall-kontroll tal-fruntieri esterni.

### 1.3. L-għan u l-kontenut tal-proposta leġiżlattiva

L-iskop tal-proposta leġiżlattiva huwa li ttejjeb l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istati Membri u tal-Aġenzija waqt il-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali fil-fruntieri esterni fuq l-art u dawk marittimi (Artikolu 1).

---

[1] ĠU L349, 25.11.2004, p. 1.

[2] COM (2008) 68 finali ta' 13.2.2008 (pjan direzzjonali tal-EUROSUR). Dwar il-progress li sar fl-2008-2010, ara SEC (2009)1265 finali tal-24.9.2009 u SEC (2011)145 finali tat-28.1.2011.

[3] Qabbel ukoll l-Artikolu 77 (1) (c) tat-TFUE.

Dan isir billi jiġi stabbilit qafas komuni (Artikolu 4), b'responsabbiltajiet u kompetenzi ċari għaċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għas-sorveljanza fuq il-fruntieri fl-Istati Membri (Artikolu 5) u l-Aġenzija (Artikolu 6), li jiffurmaw il-qofol tal-EUROSUR. Dawn iċ-ċentri, li jiżguraw ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-riżorsi u l-persunal fuq livell nazzjonali, u l-Aġenzija, jikkomunikaw ma' xulxin permezz tan-netwerk tal-komunikazzjoni (Artikolu 7), li jippermetti l-iskambju kemm ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata, kif ukoll ta' informazzjoni klassifikata.

Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-Aġenzija isir permezz ta' 'stampi tas-sitwazzjoni' (Artikolu 8), li jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali (Artikolu 9) u Ewropew (Artikolu 10) kif ukoll għaż-żona prefruntiera (Artikolu 11). Dawn it-tliet stampi, li minnhhom l-aħħar tnejn jitmexxew mill-Aġenzija, huma strutturati b'mod simili biex ikun iffaċilitat il-fluss tal-informazzjoni bejniethom.

L-istampi tas-sitwazzjoni bħala regola ġenerali mhumiex se jinvolvu dejta personali, iżda minflok se jinvolvu l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti u oġġetti depersonalizzati bħad-detezzjoni u t-traċċar ta' bastimenti. F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali d-dejta personali tista' tkun tifforma parti mid-dejta kondiviża mill-Istati Membri mal-Aġenzija sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004.[4] Safejn id-dejta personali tkun tifforma parti mill-Istampa tas-Sitwazzjoni Nazzjonali ta' sezzjonijiet ġirien tal-fruntiera esterna, din tista' tiġi skambjata bejn l-Istati Membri ġirien biss, skont il-kundizzjonijiet stipulati mill-qafas legali orizzontali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tipprovdi servizz għall-applikazzjoni komuni ta' għodod ta' sorveljanza (Artikolu 12), billi tqis li servizz bħal dan ikun jista' jiġi provdut b'mod aktar kosteffettiv fuq livell Ewropew. Servizz bħal dan jista' jiġi implimentat bl-appoġġ tal-programmi spazjali Ewropej rilevanti, inkluż il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) operazzjonali.

L-approċċ magħżul fl-EUROSUR huwa li jsir l-aħjar użu tal-informazzjoni eżistenti, il-kapaċitajiet u s-sistemi disponibbli f'aġenziji oħrajn tal-UE safejn ikun possibbli (Artikolu 17). Għal din ir-raġuni, l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib maċ-Ċentru Satellitari tal-UE, l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà Marittima fil-forniment tas-servizz għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza kif ukoll mal-EUROPOL sabiex tiġi skambjata l-informazzjoni dwar il-kriminalità transkonfinali.

Fir-rigward tad-dejta dwar it-traffiku marittimu li għandha tiġi pprovduta mis-sistema SafeSeaNet skont id-Direttiva 2002/59/KE, fl-2013 il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel proposta adegwata li tibdel id-Direttiva. Huwa ppjanat li l-informazzjoni rilevanti fis-SafeSeaNet se ssir ukoll disponibbli għal skopijiet oħrajn minbarra dwak relatati mas-sigurtà marittima, is-sikurezza marittima u l-ħarsien tal-ambjent marittimu u għalhekk tkun parti mill-għodod ta' sorveljanza użati fil-qafas tal-EUROSUR.

L-għarfien aħjar ta' x'qed isir fil-fruntieri esterni għandu biss valur limitat jekk ma jkunx ikkomplimentat minn titjib fil-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jirreaġixxu għall-isfidi li jiltaqgħu magħhom fil-fruntieri esterni tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-Istati Membri għandhom jaqsmu l-fruntieri esterni tagħhom f'sezzjonijiet ta' fruntieri (Artikolu 13), li għalihom – abbażi tal-analiżi tar-riskju u n-numru ta' inċidenti li jseħħu – għandhom jiġu attribwiti livelli tal-impatt (Artikolu 14). Skont liema livelli tal-impatt jiġu attribwiti, iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-Aġenzija għandhom jieħdu kontromiżuri sabiex inaqqsu l-impatt fuq is-sezzjoni tal-fruntiera inkwistjoni (Artikolu 15).

[4] Ara l-Artikolu 11c tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, introdott permezz tar-Regolament (UE) Nru 1168/2011.

Il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi ġirien hija importanti ħafna għas-suċċess tal-EUROSUR. Għalhekk in-netwerks reġjonali eżistenti u ppjanati mwaqqfa bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ġirien ikunu kollegati mal-EUROSUR permezz taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni (qabbel l-Artikolu 9 (2)(h) u l-Artikolu 18). Meta jitqies li l-Istati Membri u l-Aġenzija diġà qegħdin fil-proċess li jistabbilixxu l-komponenti differenti tal-EUROSUR fuq livell nazzjonali u Ewropew, l-EUROSUR għandha ssir operazzjonali fit-tieni nofs tas-sena 2013 (Artikolu 21). Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea għandu jipprovdi lill-Aġenzija appoġġ tekniku għall-iżvilupp tekniku ulterjuri tal-EUROSUR.

Peress li l-EUROSUR mhijiex maħsuba bħala sistema biex tirregola l-ġbir, il-ħżin jew l-iskambju transkonfinali ta' dejta personali, din ma kinitx koperata mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja tal-2010.[5] L-iżvilupp tal-EUROSUR madankollu ġie analizzat fuq il-bażi tal-prinċipji stabbiliti f'dik il-Komunikazzjoni, kif kompla jiġi elaborat fil-valutazzjoni tal-impatt. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-prinċipju tal-ħtieġa fejn il-possibbiltà li jintuża l-EUROSUR għall-iskambju tad-dejta personali nżammet għall-minimu assolut, il-prinċipju tal-kosteffettività fejn intgħażel approċċ li jimxi pass pass li jagħmel użu mis-soluzzjonijiet tekniċi l-anqas kumplessi, u politika mfassla minn isfel għal fuq, filwaqt li sa mill-2008 l-Kummissjoni ħadmet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri biex tevalwa s-soluzzjonijiet tekniċi differenti u biex tivvalida b'mod konġunt is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-istudji mwettqa.

Din il-proposta kienet soġġetta għal skrutinju biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet tagħha jikkonformaw għal kollox mad-drittijiet fundamentali u speċjalment mad-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tat-tortura u tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, in-non-refoulement, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-Artikoli 4 u 19 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tipprojbixxi t-tneħħija ta' persuni għal Stat fejn ikun hemm riskju serju tal-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti. L-Artikolu 18 (2) ta' dan ir-Regolament jipprojbixxi b'mod espliċitu kull skambju ta' informazzjoni ma' pajjiż terz li jkun jista' jagħmel użu minn din l-informazzjoni biex jidentifika persuni jew gruppi ta' persuni li jkunu f'riskju serju li jkunu soġġetti għal tortura, trattament jew kastig inuman u degradanti jew kull ksur ieħor ta' drittijiet fundamentali.

Barra minn hekk, l-Artikolu 24 tal-Karta kien ta' importanza, peress li ħafna migranti illegali u vittmi tat-traffikar huma tfal. L-Artikolu 1 (3) jipprovdi b'mod espliċitu li l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet speċjali tat-tfal, lill-vittmi tat-traffikar, lill-persuni li jkunu jeħtieġu assistenza medika urġenti, lill-persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, lill-persuni fil-periklu fuq il-baħar u lil persuni oħrajn f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli. L-Artikolu 8 tal-Karta dwar il-protezzjoni tad-dejta personali wkoll għandu importanza partikolari minħabba li l-kondiviżjoni tad-dejta jista' jinkludi dejta personali, u f'din is-sitwazzjoni r-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta japplikaw u għandhom jiġu osservati bis-sħiħ.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-Dokumnet ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni mehmuż ma' din il-proposta, li qed jivvaluta l-impatt ta' din il-proposta, jipprovdi ħarsa ġenerali dettaljata dwar il-konsultazzjonijiet li saru mill-2008

[5] COMCOMCOM (2010) 385 finali, 20.7.2010.

sal-2011 u jipprovdi wkoll għal spjegazzjoni dettaljata tal-qafas tal-EUROSUR u l-għażliet ta' politika differenti u l-ispejjeż għall-istabbiliment tiegħu.

## 3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 77 (2) (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa l-bażi legali għall-proposta.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-komponenti differenti tal-EUROSUR se jiġu prinċipalment implimentati mill-Aġenzija u mill-Istati Membri (ġestjoni kondiviża) fuq il-bażi tal-pjan direzzjonali tal-EUROSUR 2008 (COM (2008) 68 finali).

Fir-rigward tal-istabbiliment taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni, l-Istati Membri se jkunu appoġġjati mill-Fond għall-Fruntieri Esterni fl-2012-2013 u mill-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna ppjanat fl-2014-2020.

Min-naħa l-oħra, l-Aġenzija se tuża l-baġit tagħha stess biex tistabbilixxi n-netwerk ta' komunikazzjoni u komponenti orizzontali oħrajn tal-EUROSUR, bħall-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni, u fejn meħtieġ dan se jsir bl-appoġġ taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna (ġestjoni finanzjarja ċentralizzata diretta jew indiretta).

Il-finanzjament provdut taħt is-7 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp se jagħti appoġġ għall-istabbiliment tas-servizz ippjanat għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza fl-2012-2013.

Il-miżuri f'pajjiżi terzi ġirien se jkunu appoġġjati fl-2012-2013 mill-Programm Tematiku għall-Asil u l-Migrazzjoni, bħala parti mill-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp.

2011/0427 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77 (2) (d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (minn hawn quddiem imsejħa l-'EUROSUR') hija meħtieġa għat-tisħiħ tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004[6] (Frontex), minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Aġenzija'. L-EUROSUR għandha tipprovdi lil dawn l-awtoritajiet u lill-Aġenzija l-infrastruttura u l-għodod meħtieġa biex itejbu l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni tagħhom fid-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali kif ukoll meta jipproteġu u jsalvaw il-ħajjiet ta' migranti fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni.

(2) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għas-sorveljanza fuq il-fruntieri biex itejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejniethom u mal-Aġenzija. Għall-funzjonament tajjeb tal-EUROSUR huwa essenzjali li l-awtoritajiet nazzjonali kollha b'responsabbiltà għal sorveljanza fuq il-fruntiera esterna skont il-liġi nazzjonali jkunu qed jikkooperaw permezz taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni.

(3) Dan ir-Regolament m'għandux itellef lill-Istati Membri milli jagħmlu ċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tagħhom responsabbli wkoll mill-koordinazzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri tal-ajru u għall-kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

(4) Dan ir-Regolament jagħmel parti mill-mudell Ewropew għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri tal-fruntieri esterni u mill-Istrateġija għas-Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea. L-EUROSUR

6 ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-UE. (CISE), li jipprovdi qafas usa' għall-għarfien tas-sitwazzjoni marittima permezz tal-iskambju tal-informazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi bejn setturi differenti fl-Unjoni.

(5) Skont l-Artikolu 2 (i) tar-Regolament 2007/2004, l-Aġenzija għandha tipprovdi l-għajuna meħtieġa għall-iżvilupp u l-operazzjoni tal-EUROSUR, u, kif xieraq, għall-iżvilupp tas-CISE, inkluża l-interoperabilità tas-sistemi.

(6) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, speċjalment id-dinjità tal-bniedem, il-projbizzjoni tat-tortura u trattament jew kastig inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, in-non-refoulement, in-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat mill-Istati Membri skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji.

(7) Kull skambju ta' dejta personali permezz tan-netwerk tal-komunikazzjoni għall-EUROSUR għandu jitwettaq fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u d-dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni eżistenti u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti speċifiċi tagħhom dwar il-protezzjoni tad-dejta. Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[7], ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta[8] u, fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali ppproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali[9] huma applikabbli f'sitwazzjonijiet fejn strumenti aktar speċifiċi, bħar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, ma jkunux jipprovdu sistema sħiħa tal-protezzjoni tad-dejta.

(8) Minħabba li l-istabbiliment tal-EUROSUR ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-impatt tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jikseb l-għan tiegħu.

(9) Sabiex tiġi implimentata tnedija gradwali fuq bażi geografika tal-EUROSUR, l-obbligu li jiġu maħtura u li jibdew joperaw iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għandu japplika fi tliet stadji suċċessivi, l-ewwel wieħed għal Stati Membri li jkunu jinsabu fil-fruntieri esterni fil-baħar tan-Nofsinhar u fil-fruntieri esterni fuq l-art tal-Lvant, fit-tieni stadju għall-bqija tal-Istati Membri li għandhom fruntieri esterni fuq l-art jew fil-baħar, u fit-tielet stadju għall-bqija l-oħra tal-Istati Membri.

(10) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta minnu jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen,

7 ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
8 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
9 ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka għandha, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk timplimentahx jew le fil-liġi nazzjonali tagħha.

(11) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Shengen, li r-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fih, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 li jikkonċerna t-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li jieħdu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[10]. Ir-Renju Unit għalhekk mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut minnu jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(12) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, li l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fih, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 li tikkonċerna t-talba tal-Irlanda li tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[11]. L-Irlanda għalhekk mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta minnu jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(13) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*aquis* ta' Schengen, kif dispost bil-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[12].

(14) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif dispost bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jikkonċerna l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Shengen[13].

(15) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*aquis* ta' Schengen, kif dispost bil-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[14].

(16) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma tippreġudikax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u ma taffettwax l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Liġi tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll tagħha kontra t-Traffikar tal-Immigranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, il-Konvenzjoni relatata mal-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn.

---

[10] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[11] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
[12] ĠU L 176, 10. 7. 1999, p. 36.
[13] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[14] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.

(17) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ma taffettwax ir-regoli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni fil-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operazzjonali kkoordinata mill-Aġenzija, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/252/UE tas-26 ta' April 2010[15].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija sabiex jitjiebu l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa: Is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri Esterni (EUROSUR).

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni fuq l-art u fil-baħar tal-Istati Membri, inklużi miżuri għall-monitoraġġ, id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-traċċar, il-prevenzjoni u l-interċettazzjoni tal-qsim illegali tal-fruntieri.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-miżuri operazzjonali, proċedurali u legali li jittieħdu wara l-interċettazzjoni.

3. L-Istati Membri u l-Aġenzija jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali, inklużi r-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-dejta, meta japplikaw dan ir-Regolament. Huma jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet speċjali tat-tfal, lill-vittmi tat-traffikar, lill-persuni li jkunu jeħtieġu assistenza medika urġenti, lill-persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, lill-persuni fil-periklu fuq il-baħar u lil persuni oħrajn f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli.

*Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'għarfien tas-sitwazzjoni' tfisser il-kapaċità tal-monitoraġġ, id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-traċċar u l-fehim tal-attivitajiet transkonfinali sabiex jinstabu raġunijiet loġiċi għall-miżuri ta' kontroll billi l-informazzjoni l-ġdida tingħaqad flimkien mal-għarfien eżistenti;

(b) 'kapaċità tar-reazzjoni' tfisser il-kapaċità li jitwettqu azzjonijiet maħsuba sabiex jiġġieldu kontra l-movimenti illegali transkonfinali, inklużi l-mezzi u l-iskeda biex wieħed jirreaġixxi b'mod adegwat għal ċirkostanzi mhux tas-soltu;

(c) 'stampa tas-sitwazzjoni' tfisser interfaċċja grafika għall-preżentazzjoni ta' dejta, informazzjoni u *intelligence* f'ħin reali mingħand awtoritajiet, sensuri, u pjattaformi differenti,

[15] ĠU L 111, 4.5.2010, p. 20.

u sorsi oħra, li tiġi kondiviża permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni u tal-informazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn sabiex jinkiseb l-għarfien tas-sitwazzjoni u tiġi appoġġjata l-kapaċità ta' reazzjoni mal-fruntieri esterni fiż-żona prefruntiera;

(d) 'kriminalità transkonfinali' tfisser kull kriminalità serja u organizzata li titwettaq fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri, bħat-traffikar tal-persuni umani, il-kuntrabandu ta' drogi u attivitajiet oħra illeċiti.

(e) 'sezzjoni tal-fruntiera esterna' tfisser il-fruntiera kollha jew parti mill-fruntiera ta' Stat Membru fuq l-art jew fil-baħar kif definita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew kif ġiet iddeterminata miċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jew kwalunkwe awtorità nazzjonali oħra responsabbli.

(f) 'żona prefruntiera' tfisser żona ġeografika lil hinn mill-fruntiera esterna tal-Istati Membri, li ma tkunx koperta mis-sistema nazzjonali ta' sorveljanza tal-fruntiera.

# TITOLU II
# **QAFAS**

## *KAPITOLU I*

## ***Komponenti***

### *Artikolu 4*

### **Il-qafas tal-EUROSUR**

1. Għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sorveljanza fuq il-fruntieri, l-Istati Membri u l-Aġenzija jagħmlu użu mill-qafas tal-EUROSUR, li jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

(a) ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni għas-sorveljanza fuq il-fruntieri.

(b) stampi tas-sitwazzjoni nazzjonali.

(c) netwerk ta' komunikazzjoni;

(d) Stampa tas-sitwazzjoni Ewropea;

(e) Stampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni;

(f) l-applikazzjoni komuni ta' għodod ta' sorveljanza.

2. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni, permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni, jipprovdu lill-Aġenzija bl-informazzjoni kollha mill-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali tagħhom li tkun meħtieġa għall-istabbiliment u ż-żamma tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u tal-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni.

3. L-Aġenzija, permezz tan-netwerk ta' komunikazzjoni, tagħti liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni aċċess bla limitu għall-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u għall-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni.

4. Il-komponenti elenkati fil-paragrafu 1 jiġu stabbiliti u miżmuma f'konformità mal-prinċipji msemmija fl-Anness;

*Artikolu 5*

**Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni**

1. Kull Stat Membru li jkollu fruntieri fuq l-art u fil-baħar jaħtar, jopera u jżomm Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għas-sorveljanza fuq il-fruntieri, li jikkoordina u jiskambja l-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kollha responsabbli għas-sorveljanza fuq il-fruntieri esterni fuq il-livell nazzjonali kif ukoll maċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni l-oħrajn u l-Aġenzija. L-Istat Membru jinnotifika l-istabbiliment taċ-ċentru lill-Kummissjoni, li tinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Aġenzija.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 16, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni huwa l-uniku punt ta' kuntatt għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija.

3. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni:

(a) jiżgura l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli għas-sorveljanza fuq il-fruntieri esterni u mal-awtoritajiet rilevanti tal-infurzar tal-liġi fuq il-livell nazzjonali kif ukoll ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija;

(b) jikkontribwixxi għall-ġestjoni effettiva u effiċjenti tar-riżorsi u l-persunal;

(c) jistabbilixxi u jżomm l-Istampa tas-Sitwazzjoni Nazzjonali skont l-Artikolu 9;

(d) jagħti appoġġ għall-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha ta' sorveljanza fuq il-fruntieri nazzjonali;

(e) jamministra s-sistema ta' sorveljanza fuq il-fruntiera nazzjonali, fejn ikun applikabbli skont il-liġi nazzjonali;

(f) ikejjel regolarment l-effetti tal-attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntiera nazzjonali;

(g) jikkoordina miżuri operazzjonali ma' Stati Membri oħrajn, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Aġenzija;

4. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jopera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

*Artikolu 6*

**L-Aġenzija**

1. L-Aġenzija:

(a) tamministra n-netwerk tal-komunikazzjoni għall-EUROSUR skont l-Artikolu 7;

(b) tistabbilixxi u żżomm l-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea skont l-Artikolu 10;

(c) tistabbilixxi u żżomm l-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni skont l-Artikolu 11;

(d) tiffaċilita l-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 12.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Aġenzija topera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

*Artikolu 7*

**In-netwerk ta' komunikazzjoni**

1. L-Aġenzija tistabbilixxi u żżomm netwerk ta' komunikazzjoni sabiex tipprovdi għodod ta' komunikazzjoni u analitiċi u tippermetti l-iskambju sigur tal-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u l-informazzjoni klassifikata qrib għall-ħin reali ma' u fost iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni. In-netwerk jopera erbgħa u għoxrin siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa u jippermetti:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni bilaterali u multilaterali kważi fil-ħin reali;

(b) konferenzi bil-vidjo u bl-awdjo;

(c) it-trattament, il-ħżin, u l-ipproċessar b'mod sigur ta' informazzjoni sensittiva mhux klassifikata;

(d) l-immaniġġjar, il-ħżin, it-trażmissjoni u l-ipproċessar b'mod sigur tal-informazzjoni klassifikata tal-UE sal-livell ta' 'RESTREINT UE/RISTRETT GĦALL-UE' jew livelli ta' klassifika nazzjonali ekwivalenti, filwaqt li jiżgura li l-informazzjoni klassifikata tiġi trattata f'parti separata u debitament akkreditata tan-netwerk ta' komunikazzjoni;

2. L-Aġenzija tipprovdi appoġġ tekniku u tiżgura li n-netwerk ta' komunikazzjoni jkun interoperabbli ma' kull sistema oħra ta' komunikazzjoni u informazzjoni mmexxija mill-Aġenzija

3. L-Aġenzija u ċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni jiskambjaw, jipproċessaw u jaħżnu informazzjoni sensittiva mhux klassifikata u informazzjoni klassifikata fin-netwerk ta' komunikazzjoni f'konformità mar-regoli u l-istandards li japplikaw il-prinċipji bażiċi u l-istandards komuni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE li temenda r-Regoli ta' Proċedura interni tagħha[16] jew li jkunu ekwivalenti għaliha.

4. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-aġenziji u korpi oħrajn li jużaw in-netwerk ta' komunikazzjoni jiżguraw li jkun hemm konformità mar-regoli u l-istandards ta' sigurtà ekwivalenti għal dawk applikati mill-Aġenzija għall-immaniġġjar ta' informazzjoni klassifikata.

*KAPITOLU II*

***L-Għarfien tas-Sitwazzjoni***

*Artikolu 8*

**L-istampi tas-sitwazzjoni**

1. L-istampi tas-sitwazzjoni nazzjonali, l-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u l-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni jinħolqu permezz tal-ġbir, il-valutazzjoni, il-kollazzjoni, l-analiżi, l-interpretazzzjoni, il-ġenerazzjoni, il-viżwalizzazzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni.

---

[16] ĠU L 317, 3.12.2001, p.1.

2. L-istampi msemmija fil-paragrafu 1 ikunu magħmula mil-livelli li ġejjin:

(a) livell tal-avvenimenti, li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti li jikkonċernaw il-migrazzjoni illegali, il-kriminalità transkonfinali u sitwazzjonijiet ta' kriżi.

(b) il-livell operazzjonali, li jkun fih informazzjoni dwar l-istatus u l-pożizzjoni tal-assi tagħhom stess, iż-żoni tal-operazzjoni u informazzjoni ambjentali;

(c) il-livell tal-analiżi, li jkun fih informazzjoni strateġika, prodotti ta' analiżi, *intelligence* kif ukoll użu ta' xbihat u dejta ġeografika.

*Artikolu 9*

**L-Istampa tas-Sitwazzjoni Nazzjonali**

1. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jistabbilixxi u jżomm stampa tas-sitwazzjoni nazzjonali sabiex jipprovdi lill-awtoritajiet kollha responsabbiltajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntiera fuq livell nazzjonali informazzjoni effettiva, preċiża u f'waqtha li tkun rilevanti għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat.

2. L-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) is-sistema nazzjonali ta' sorveljanza fuq il-fruntiera, fejn ikun applikabbli skont il-liġi nazzjonali;

(b) sensuri stazzjonarji jew mobbli operati mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni;

(c) pattulji fuq is-sorveljanza tal-fruntieri u missjonijiet oħra ta' monitoraġġ;

(d) ċentri ta' koordinazzjoni lokali, reġjonali u oħrajn;

(e) sistemi u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn;

(f) l-Aġenzija;

(g) iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni fi Stati Membri oħrajn u f'pajjiżi terzi;

(h) netwerks reġjonali ma' pajjiżi terzi ġirien, bħan-netwerk SEAHORSE Atlantic, in-netwerk SEAHORSE Mediterranean, in-netwerk tal-Kooperazzjoni għall-Kontroll fil-Fruntieri fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku CoastNet, iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni u Informazzjoni tal-Fruntieri tal-Baħar l-Iswed u netwerks reġjonali oħrajn stabbiliti fil-fruntieri esterni fuq l-art;

(i) sistemi tar-rappurtar tal-vapuri, bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomata (AIS) u s-Sistema ta' Kontroll tal-Bastimenti (VMS). Id-dejta minn dawn is-sistemi tinkiseb fuq livell nazzjonali mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd;

(j) organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħrajn rilevanti;

(k) sorsi oħrajn.

3. Il-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali għandu jkun jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar il-migrazzjoni illegali, li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti li jinvolvu l-qsim illegali tal-fruntieri minn migranti li jseħħu fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat jew fil-viċin tagħhom, dwar faċilitazzjonijiet ta' qsim illegali tal-fruntieri u dwar kull inċident ieħor tal-migrazzjoni illegali rilevanti, bħall-missjoni tat-tfittxija u tas-salvataġġ għall-persuni li jippruvaw jaqsmu l-fruntiera illegalment.

(b) sottolivell dwar il-kriminalità transkonfinali, li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu ta' drogi u beni illeċiti oħrajn, u dwar kull inċident ieħor serju u organizzat jew inċident li jinvolvi kriminalità organizzata fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat jew fil-viċin tagħhom.

(c) sottolivell dwar is-sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jkun fih informazzjoni fir-rigward ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inċidenti u kull sitwazzjoni ta' kriżi oħra li sseħħ fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat jew fil-viċin tagħhom, li jista' jkollha impatt sinifikanti fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni.

(d) sottolivell dwar avvenimenti oħrajn, li jkun fih informazzjoni dwar pjattaformi u persuni mhux identifikati u suspettużi li jkunu preżenti fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat jew fil-viċin tagħhom, kif ukoll kull avveniment ieħor li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni.

4. Kull inċident fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali jkun assenjat livell tal-impatt indikattiv uniku, minn impatt 'baxx' u 'medju' sa wieħed 'għoli'. L-avvenimenti kollha assenjati livell tal-impatt 'medju' sa 'għoli' jiġu kondiviżi mal-Aġenzija.

5. Il-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali jkun fih is-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar l-assi proprji, li jkun fih informazzjoni dwar il-pożizzjoni, il-ħin, il-perkors, il-veloċità, l-istatus, u t-tip ta' assi proprji, u l-pjan ta' skjerament, inklużi l-koordinati ġeografiċi taż-żona tal-operazzjoni, l-iskedi tal-pattulja u l-kodiċijiet tal-komunikazzjoni; meta jintużaw l-assi proprji f'missjoni b'diversi kompiti li tkun tinkludi kompiti militari, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jaqsamx informazzjoni ta' dan it-tip ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija ħlief meta l-assi proprji jiġu skjerati fis-sezzjoni konfinanti ġirien ma' Stat Membru ieħor;

(b) sottolivell dwar żoni tal-operazzjoni, li jkun fih informazzjoni dwar il-missjoni, il-pożizzjoni, l-istatus, it-tul taż-żmien u l-awtoritajiet involuti fl-operazzjonijiet.

(c) sottolivell dwar informazzjoni ambjentali, li jkun fih jew jipprovdi aċċess għal informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tat-territorju u tat-temp fil-fruntieri esterni tal-Istat Membru kkonċernat.

6. Il-livell ta' analiżi tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali jkun jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar l-informazzjoni, li jkun fih żviluppi ewlenin u indikaturi rilevanti għall-analiżi tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali.

(b) sottolivell ta' analiżi, li għandu jippreżenta rapporti ta' analiżi, tendenzi ta-klassifikazzjoni tar-riskju, monitoraġġ reġjonali u noti ta' informazzjoni rilevanti għall-Istat Membru kkonċernat;

(c) sottolivell ta’ stampa ta’ *intelligence*, li jkun fih profili ta’ migranti, rotot, informazzjoni dwar il-livelli tal-impatt attribwiti għas-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni fuq l-art u fil-baħar u analiżi tal-faċilitazzjoni.

(d) sottolivell dwar l-użu ta’ xbihat u dejta ġeografika, li jkun fih użu ta’ xbihat ta’ referenza, mapep tal-isfond, valutazzjonijiet tal-validazzjoni tal-*intelligence*, analiżi tal-bidla (xbihat għall-osservazzjoni tad-dinja) kif ukoll id-detezzjoni tal-bidla, dejta ġeoreferenzjata u mapep li juru l-permeabilità tal-fruntieri.

7. L-informazzjoni li tinsab fil-livell ta’ analiżi u dwar l-informazzjoni ambjentali fil-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali tista’ tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea u fl-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni.

8. L-informazzjoni dwar l-assi tagħhom stess fil-livell operazzjonali tiġi kklassifikata bħala Ristretti għall-UE.

9. Iċ-ċentri nazzjonali ta’ koordinazzjoni tal-Istati Membri ġirien jaqsmu ma’ xulxin direttament u qrib għall-ħin reali l-istampa tas-sitwazzjoni tas-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna ġirien, li hija relatata ma’:

(a) l-inċidenti kollha li jkunu jikkonċernaw il-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali u avvenimenti sinifikanti oħrajn li jkunu jinsabu fil-livell tal-avvenimenti;

(b) il-pożizzjonijiet tal-pattulji tagħhom stess li jkunu jinsabu fil-livell operazzjonali, meta l-missjoni ewlenija tal-pattulja tkun li tipprevjeni l-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali;

(c) l-iskemi tal-ippjanar, l-iskedi u l-kodiċijiet ta’ komunikazzjoni għall-ġurnata ta’ wara pattulji li jkunu qed joperaw fis-sezzjonijiet tal-fruntiera esterni tal-viċin;

(d) ir-rapporti dwar l-analiżi tattika tar-riskju kif ikunu jinsabu fil-livell ta’ analiżi.

*Artikolu 10*

**L-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea**

1. L-Aġenzija tistabbilixxi u żżomm stampa tas-sitwazzjoni Ewropea sabiex tipprovdi liċ-ċentri nazzjonali ta’ koordinazzjoni informazzjoni u analiżi li jkunu rilevanti għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

2. L-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) stampi tas-sitwazzjoni nazzjonali, inkluża informazzjoni bażika rċevuta skont l-Artikolu 9 (8);.

(b) l-Aġenzija;

(c) organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħrajn rilevanti;

(d) sorsi oħrajn.

3. Il-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea jkun jinkludi informazzjoni relatata ma’:

(a) inċidenti li jinvolvu l-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali kif ukoll sitwazzjonijiet ta' kriżi u avvenimenti oħra li jkunu jinsabu fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali, li jkunu ġew assenjati livell tal-impatt medju sa wieħed għoli miċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni;

(b) inċidenti li jinvolvu migrazzjoni illegali u kriminalità transkonfinali kif ukoll sitwazzjonijiet ta' kriżi u avvenimenti oħrajn li jkunu jinsabu fl-Istampa ta' *Intelligence* Prefruntiera Komuni, ladarba qed ikollhom impatt moderat jew sinifikanti fuq il-fruntieri esterni tal-Istati Membri;

(c) inċidenti li jinvolvu l-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali fiż-żona tal-operazzjonali ta' operazzjoni konġunta kkoordinata mill-Aġenzija.

4. Fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea, l-Aġenzija tagħmel użu mil-livell tal-impatt assenjat miċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni għal inċident speċifiku fl-istampa tas-sitwazzjoni nazzjonali.

5. Il-*livell operazzjonali* tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea jkun jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell dwar l-assi tagħhom stess, li għandu jkun fih informazzjoni dwar il-pożizzjoni, il-ħin, il-perkors, il-veloċità, l-istatus, u t-tip ta' assi li jkunu qed jieħdu sehem fl-operazzjonijiet konġunti tal-Aġenzija jew għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija, u l-pjan ta' skjerament, inkluża ż-żona tal-operazzjoni, l-iskedi tal-pattulja u l-kodiċijiet tal-komunikazzjoni;

(b) sottolivell dwar operazzjonijiet, li jkun fih informazzjoni dwar l-operazzjonijiet konġunti kkoordinati mill-Aġenzija, inkluża l-istqarrija tal-missjoni, il-pożizzjoni, l-istatus, it-tul taż-żmien, informazzjoni dwar l-Istati Membri u atturi oħrajn involuti, rapporti tas-sitwazzjoni ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, dejta statistika u pakketti ta' informazzjoni għall-midja;

(c) sottolivell dwar l-informazzjoni ambjentali, li jkun fih informazzjoni dwar it-territorju u l-kundizzjonijiet tat-temp fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

6. Il-livell ta' analiżi tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea jkun jikkonsisti mis-sottolivelli li ġejjin:

(a) sottolivell tal-informazzjoni, li jkun fih żviluppi ewlenin u indikaturi rilevanti għall-analiżi tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali;

(b) sottolivell ta' analiżi, li jippreżenta mapep tal-klassifikazzjoni tar-riskju ġenerali u b'sottokategoriji; tendenzi tal-klassifikazzjoni tar-riskju; monitoraġġ reġjonali; noti tal-informazzjoni kif ukoll indikaturi tal-korrelazzjoni għall-klassifikazzjoni tar-riskju u indikaturi tan-Netwerk tal-Analiżi tar-Riskju tal-Frontex;

(c) sottolivell ta' stampa ta' *intelligence*, li jkun fih profili ta' migranti, rotot, informazzjoni dwar il-livelli tal-impatt attribwiti lis-sezzjonijiet tal-fruntieri esterni fuq l-art u fil-baħar u analiżi tal-faċilitazzjoni;

(d) sottolivell dwar l-użu ta' xbihat u d-dejta ġeografika, li jkun fih xbihat ta' referenza, mapep tal-isfond, valutazzjonijiet tal-validazzjoni tal-*intelligence*, analiżi tal-bidla (xbihat għall-osservazzjoni tad-dinja) kif ukoll id-detezzjoni tal-bidla, dejta ġeoreferenzjata u mapep li juru l-permeabilità tal-fruntieri.

7. L-informazzjoni dwar l-assi tagħhom stess fil-livell operazzjonali tal-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea tiġi kklassifikata bħala Ristretta għall-UE.

*Artikolu 11*

**L-Istampa ta' *Intelligence* Prefruntiera Komuni**

1. L-Aġenzija tistabbilixxi u żżomm stampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni sabiex tipprovdi liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni informazzjoni u analiżi dwar iż-żona prefruntiera li tkun rilevanti għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità serja jew organizzata fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri u f'pajjiżi terzi ġirien.

2. L-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni tkun magħmula minn informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(a) ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni;

(b) informazzjoni u rapporti pprovduti mill-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni;

(d) l-Aġenzija;

(d) organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali oħrajn rilevanti;

(e) pajjiżi terzi;

(f) sorsi oħrajn.

3. L-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni tista' tinkludi informazzjoni li tkun rilevanti għall-operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntiera tal-ajru u l-kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri.

4. Il-livell tal-avvenimenti tal-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni jkun jinkludi informazzjoni dwar: kull inċident, sitwazzjoni ta' kriżi u dwar kull avveniment ieħor fiż-żona prefruntiera, li jista' jkollu impatt moderat jew sinifikanti fuq il-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri.

5. L-Aġenzija tassenja livell tal-impatt indikattiv wieħed lil kull inċident fil-livell tal-avvenimenti tal-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni. L-Aġenzija tinforma liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni dwar kull inċident fiż-żona prefruntiera, li jkun ġie assenjat livell tal-impatt medju jew għoli.

6. Il-livell operazzjonali tal-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni jkun strutturat bl-istess mod bħal fl-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea, u jkun fih informazzjoni dwar l-assi li jkunu qed joperaw u l-operazzjonijiet li jkunu qed jitwettqu fiż-żona prefruntiera kif ukoll informazzjoni ambjentali.

7. Il-livell ta' analiżi fl-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni jkun strutturat bħal dak tal-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea, u jkun fih informazzjoni strateġika, prodotti analitiċi u servizzi, *intelligence* kif ukoll xbihat u dejta ġeografika dwar iż-żona prefruntiera.

*Artikolu 12*

**L-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza**

1. L-Aġenzija tiffaċilita l-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza, bħal satelliti u sistemi ta' rappurtar tal-vapuri, mill-Istati Membri, sabiex tforni liċ-ċentri nazzjonali ta'

koordinazzjoni u lilha nnifisha informazzjoni dwar is-sorveljanza dwar il-fruntieri esterni u dwar iż-żona prefruntiera fuq bażi regolari, affidabbli u kosteffettiva.

2. L-Aġenzija, fuq talba, tista‘ tipprovdi lil ċentru nazzjonali ta’ koordinazzjoni informazzjoni dwar il-fruntieri esterni tal-Istat Membru li jkun għamel it-talba u dwar iż-żona prefruntiera li tittieħed minn:

(a) monitoraġġ selettiv ta’ portijiet u kosti ta’ pajjiż terz deżinjati li jkunu ġew identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju u l-*intelligence* bħala punti ta’ imbarkazzjoni u ta’ tranżitu għal bastimenti li jintużaw għall-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali.

(b) traċċar ta’ bastiment fl-ibħra miftuħa li jkun issuspettat jew li jkun ġie identifikat bħala li jkun qed jintuża għall-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali;

(c) monitoraġġ ta’ żoni deżinjati fil-qasam marittimu sabiex jiġu skoperti, identifikati u traċċati bastimenti ssuspettati li qed iwettqu migrazzjoni illegali u kriminalità transkonfinali jew li jkunu qed jintużaw għal dan l-għan;

(d) valutazzjoni ambjentali ta’ żoni deżinjati fil-qasam marittimu u fil-fruntiera esterna fuq l-art sabiex jitjiebu kemm jista’ jkun l-attivitajiet ta’ monitoraġġ u pattulja;

(e) monitoraġġ selettiv ta’ żoni prefruntiera deżinjati fil-fruntiera esterna fuq l-art, li jkunu ġew identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju u l-*intelligence* bħala żoni ta’ tluq u ta’ tranżitu potenzjali għall-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali.

3. L-Aġenzija tista’ tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi tgħaqqad u tanalizza dejta miġbura mis-sistemi, is-sensuri u l-pjattaformi li ġejjin:

(a) is-sistemi ta’ rappurtar tal-vapuri, fil-limitazzjonijiet legali pprovduti għalihom, bħas-Sistema ta' Identifikazzjoni Awtomata (AIS) u s-Sistema tal-Monitoraġġ tal-Vapuri (VMS);

(b) xbihat bis-satellita;

(c) sensuri li jitpoġġew fuq kwalunkwe pjattaforma, inklużi inġenji tal-ajru bil-kontroll uman u mingħajr kontroll uman.

4. L-Aġenzija tista’ tirrifjuta talba minn ċentru nazzjonali ta’ koordinazzjoni fuq il-bażi ta’ limitazzjonijiet tekniċi u finanzjarji kif ukoll għal raġunijiet oħra ġustifikati.

5. L-Aġenzija tista' tagħmel użu mill-għodod ta' sorveljanza msemmija fil-paragrafu 2 fuq l-inizjattiva tagħha stess, biex tiġbor informazzjoni li tkun rilevanti għall-istampa ta' *intelligence* prefruntiera komuni.

*KAPITOLU III*

***Il-Kapaċità ta’ Reazzjoni***

*Artikolu 13*

**Id-determinazzjoni tas-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna**

Kull Stat Membru jaqsam il-fruntieri esterni tiegħu fuq l-art u fil-baħar f’sezzjonijiet tal-fruntiera, b’ċentru ta’ koordinazzjoni lokali u reġjonali li jiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-persunal u r-riżorsi.

*Artikolu 14*

**L-attribuzzjoni tal-livelli tal-impatt lil sezzjonijiet tal-fruntiera esterna**

1. Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju tal-Aġenzija u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, l-Aġenzija tattribwixxi l-livelli tal-impatt li ġejjin lil kull waħda mis-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna fuq l-art u fil-baħar tal-Istati Membri:

(a) livell tal-impatt baxx f'każ li l-inċidenti relatati mal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera inkwistjoni jkollhom impatt mhux sinifikanti fuq is-sigurtà tal-fruntiera;

(b) livell tal-impatt medju f'każ li l-inċidenti relatati mal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera inkwistjoni jkollhom impatt moderat fuq is-sigurtà tal-fruntiera;

(c) livell tal-impatt għoli f'każ li l-inċidenti relatati mal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali li jseħħu fis-sezzjoni tal-fruntiera inkwistjoni jkollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà tal-fruntiera;

2. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jwettaq valutazzjoni regolari biex jara jkunx hemm ħtieġa li jiġi aġġustat il-livell tal-impatt ta' kwalunkwe sezzjoni tal-fruntiera. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jistieden lill-Aġenzija sabiex tibdel il-livell tal-impatt billi tipprovdi informazzjoni sostanzjata dwar il-kundizzjonijiet mibdula fis-sezzjoni tal-fruntiera esterna kkonċernata.

3. L-Aġenzija twettaq viżwalizzazzjoni tal-livelli tal-impatt attribwiti lill-fruntieri esterni fl-istampa tas-sitwazzjoni Ewropea.

*Artikolu 15*

**Reazzjoni li tikkorrispondi għal-livelli tal-impatt**

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' pattulja li jitwettqu fis-sezzjonijiet tal-fruntiera esterna jkunu jikkorrispondu mal-livelli tal-impatt attribwiti bil-mod segwenti:

(a) meta jiġi attribwit livell tal-impatt baxx lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, iċ-ċentru ta' koordinazzjoni lokali jew reġjonali jorganizza sorveljanza regolari fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju u jiżgura li jkunu qed jinżammu biżżejjed pattulji fiż-żona tal-fruntiera lesti għat-traċċar, l-identifikazzjoni u l-interċettazzjoni.

(b) meta jiġi attribwit livell tal-impatt medju lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jagħti appoġġ liċ-ċentru ta' koordinazzjoni lokali jew reġjonali permezz tal-allokazzjoni temporanja ta' persunal u riżorsi addizzjonali;

(c) meta jiġi attribwit livell tal-impatt għoli lil sezzjoni tal-fruntiera esterna, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jiżgura li ċ-ċentru ta' koordinazzjoni lokali jew reġjonali jingħata l-appoġġ kollu meħtieġ fuq il-livell nazzjonali, li jinkludi informazzjoni, riżorsi u persunal; iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jitlob ukoll lill-Aġenzija għal appoġġ skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004.

2. Iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jinforma lill-Aġenzija dwar il-miżuri meħuda fuq il-livell nazzjonali skont il-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1 mingħajr dewmien.

3. Meta jiġi attribwit livell tal-impatt medju jew għoli lil sezzjoni tal-fruntiera esterna li tkun tinsab maġenb is-sezzjoni tal-fruntiera ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz, iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jikkoordina l-miżuri meħuda flimkien maċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-pajjiż ġar.

4. Meta ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jissottometti talba skont il-punt (c) tal-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' tagħti appoġġ lil dak iċ-ċentru partikolarment billi:

(a) tagħti trattament prijoritarju għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza;

(b) tikkoordina l-iskjerament ta' Timijiet tal-Għassa tal-Fruntiera Ewropea f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(c) tiżgura l-iskjerament ta' tagħmir tekniku għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004;

(d) tikkoordina kull appoġġ addizzjonali offrut mill-Istati Membri.

5. L-Aġenzija tevalwa l-attribuzzjoni tal-livelli tal-impatt u l-miżuri korrispondenti meħuda fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni fir-rapporti tal-analiżi tar-riskju tagħha.

## TITOLU IV

## DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

*Artikolu 16*

### L-allokazzjoni ta' kompiti lil ċentri oħrajn fl-Istati Membri

1. L-Istati Membri jistgħu jafdaw lil ċentri reġjonali, lokali, funzjonali jew oħrajn li jkunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet operazzjonali, biex jiżguraw l-għarfien tas-sitwazzjoni u l-kapaċità ta' reazzjoni fiż-żona rispettiva ta' kompetenza, inklużi l-kompiti u l-kompetenzi msemmija fil-punti (b), (d) u (e) Artikolu 5 (3).

2. Id-deċiżjoni tal-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ma taffettwax liċ-ċentru ta' koordinazzjoni nazzjonali fil-kapaċità tiegħu li jikkoopera u jiskambja informazzjoni ma' ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni oħrajn u mal-Aġenzija.

3. F'każijiet predefiniti ċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni jista' jawtorizza lil ċentru msemmi fil-paragrafu 1 biex jikkomunika u jiskambja informazzjoni maċ-ċentru ta' koordinazzjoni reġjonali jew iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż terz sakemm dan jinforma liċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni tiegħu stess regolarment dwar il-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni.

*Artikolu 17*

### Il-kooperazzjoni tal-Aġenzija ma' partijiet terzi

1. L-Aġenzija tagħmel użu mill-informazzjoni, kapaċitajiet u sistemi eżistenti disponibbli f'aġenziji u entitajiet oħrajn tal-UE, fl-oqfsa legali rispettivi.

2. Skont il-paragrafu 1, l-Aġenzija tikkoopera b'mod partikolari mal-entitajiet li ġejjin:

(a) L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), iċ-Ċentru għall-Analiżi u l-Operazzjonijiet Marittimi - Narkotiċi (MAOC-N) u s-Centre de Coordination pour la lutte antidrogue en Méditerranée (CeCLAD-M) (iċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni għall-ġlieda kontra d-drogi fil-

Mediterran) biex tiġi skambjata informazzjoni dwar il-kriminalità transkonfinali li tiġi inkluża fl-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea;

(b) Iċ-Ċentru Satellitari tal-UE, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd fil-provvediment tal-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza;

(c) il-Kummissjoni Ewropea u aġenziji tal-UE li jistgħu jipprovdu lill-Aġenzija informazzjoni rilevanti għaż-żamma tal-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea u l-Istampa ta' *Intelligence* Prefruntiera Komuni;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali li jistgħu jipprovdu lill-Aġenzija informazzjoni rilevanti għaż-żamma tal-Istampa tas-Sitwazzjoni Ewropea u l-Istampa ta' *Intelligence* Prefruntiera Komuni.

3. L-informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 tiġi skambjata permezz tan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 7 jew netwerks ta' komunikazzjoni oħrajn li jissodisfaw il-kriterji ta' disponibbiltà, kunfidenzjalità u integrità.

4. Il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 tiġi rregolata f'arranġamenti ta' ħidma skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 u l-bażi legali rispettiva ta' kull entità. Fir-rigward tal-immaniġġjar ta' informazzjoni klassfikata, dawn l-arranġamenti jipprovdu li l-aġenziji u entitajiet oħrajn ikkonċernati jkunu jikkonformaw mar-regoli u l-istandards tas-sigurtà ekwivalenti għal dawk applikati mill-Aġenzija.

5. L-aġenziji u ċ-ċentri msemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jużaw l-informazzjoni li jirċievu fil-kuntest tal-EUROSUR fil-limiti tal-qafas legali tagħhom u b'mod konformi mad-drittijiet fundamentali.

*Artikolu 18*

**Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien**

1. L-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u l-kriminalità transkonfinali jistgħu jseħħu fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz ġar wieħed jew diversi pajjiżi terzi ġirien ikkonċernati. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tal-Istati Membri jkunu l-punt ta' kuntatt għall-iskambju tal-informazzjoni bejn in-netwerk imsemmi fl-Artikolu 7 u n-netwerks reġjonali ma' pajjiżi terzi ġirien.

2. Kull skambju ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont il-punt (h) tal-Artikolu 9 (2), li pajjiż terz li jkun jista' jagħmel użu minn din l-informazzjoni biex jidentifika persuni jew gruppi ta' persuni li qegħdin f'riskju serju li jkunu soġġetti għal tortura, trattament inuman u degradanti jew kastig jew kull ksur ieħor ta' drittijiet fundamentali, huwa pprojbit.

3. Kull skambju ta' informazzjoni taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u skont il-punt (h) tal-Artikolu 9 (2) ta' dan ir-Regolament isir f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali u multilaterali konklużi mal-pajjiżi terzi ġirien.

4. Hija meħtieġa l-approvazzjoni minn qabel ta' kull Stat Membru ieħor, li jkun ipprovda informazzjoni fil-kuntest tal-EUROSUR u li ma jkunx parti minn l-ebda wieħed mill-ftehimiet li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 u min-netwerks li ssir referenza għalihom fil-punt (h) tal-Artikolu 9 (2), qabel dik l-informazzjoni tkun tista' tiġi kondiviża ma' kull pajjiż terz skont dak il-ftehim jew in-netwerk.

5. Kull skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' informazzjoni miksuba mis-servizz għall-applikazzjoni komuni tal-għodod ta' sorveljanza huwa soġġett għal-leġiżlazzjoni u r-regoli li jirregolaw dawn l-għodod u s-sistemi kif ukoll għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

*Artikolu 19*

**Manwal**

Il-Kummissjoni Ewropea, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-Aġenzija, tagħmel disponibbli Manwal għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-EUROSUR (minn hawn 'il quddiem il-'Manwal'), li jipprovdi linji gwida tekniċi u operazzjonali, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tadotta l-Manwal fil-forma ta' rakkomandazzjoni.

*Artikolu 20*

**Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni**

1. L-Aġenzija tiżgura li l-proċeduri jkunu stabbiliti għall-monitoraġġ tal-funzjonament tekniku u operazzjonali tal-EUROSUR meta mqabbel mal-għanijiet li jinkisbu għarfien tas-sitwazzjoni u kapaċità ta' reazzjoni adegwati fil-fruntieri esterni.

2. L-Aġenzija tissottometti rapport dwar il-funzjonament tal-EUROSUR fl-1 ta' Ottubru 2015 u kull sentejn minn dakinhar.

3. Il-Kummissjoni tipprovdi valutazzjoni ġenerali tal-EUROSUR lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Ottubru 2016 u kull erba' snin minn dakinhar. Din il-valutazzjoni tkun tinkludi eżami tar-riżultati miksuba meta mqabbla mal-għanijiet u valutazzjoni tal-validità kontinwa tar-raġunijiet sottostanti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri u mill-Aġenzija, u l-konformità mad-drittijiet fundamentali. Fejn meħtieġ, dik il-valutazzjoni tkun akkumpanjata minn proposti adegwati biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

4. L-Istati Membri jipprovdu lill-Aġenzija l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi abbozzat ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. L-Aġenzija tipprovdi lill-Kummissjoni l-informazzjoni meħtieġa biex twettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Ottubru 2013.

3. L-Artikolu 5 (1) japplika għall-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni tal-Unjoni fil-baħar tan-Nofsinhar u l-fruntieri esterni fuq l-art tal-Lvant (il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja u Spanja) mill-1 ta' Ottubru 2013.

4. L-Artikolu 5 (1) japplika għall-bqija tal-Istati Membri bi fruntieri esterni fuq l-art u fil-baħar (il-Belġju, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja) sa mill-1 ta' Ottubru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**Anness**

Il-prinċipji li ġejjin jiġu kkunsidrati meta jiġu stabbiliti, operati u miżmuma l-komponenti differenti tal-qafas tal-EUROSUR:

(a) *Il-Prinċipju ta' komunitajiet ta' interess:* Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-Aġenzija jiffurmaw komunitajiet ta' interess partikolari għall-qsim tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni fil-qafas tal-EUROSUR. Il-komunitajiet ta' interess jintużaw biex jiġu organizzati ċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni differenti u l-Aġenzija biex jiskambjaw informazzjoni fit-tfittxija ta' għanijiet, rekwiżiti u interessi komuni.

(b) *Il-Prinċipji ta' ġestjoni koerenti u tal-użu ta' strutturi eżistenti:* L-Aġenzija tiżgura l-koerenza bejn il-komponenti differenti tal-qafas tal-EUROSUR, inklużi l-provvediment ta' gwida u ta' appoġġ liċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u l-promozzjoni tal-interoperabbiltà tal-informazzjoni u t-teknoloġija. Safejn ikun possibbli, il-qafas tal-EUROSUR jagħmel użu minn sistemi u kapaċitajiet eżistenti. F'dan il-kuntest, l-EUROSUR tiġi stabbilita b'mod kompatibbli għal kollox mal-inizjattiva għal Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Informazzjoni għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-UE (CISE), u għalhekk tkun tikkontribwixxi għal approċċ ikkoordinat u kosteffiċjenti u tibbenefika minnu għall-iskambju tal-informazzjoni transsettorjali fl-Unjoni.

(c) *Il-Prinċipji tal-qsim tal-informazzjoni u tal-assigurazzjoni tal-informazzjoni:* L-informazzjoni magħmula disponibbli fil-qafas tal-EUROSUR tkun disponibbli għaċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni kollha u għall-Aġenzija, sakemm ma jkunux ġew stabbiliti restrizzjonijiet speċifiċi jew sakemm ma jkunx sar ftehim dwarhom. Iċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni jiggarantixxu d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni li tkun se tiġi skambjata fuq il-livell nazzjonali u Ewropew. L-Aġenzija tiggarantixxi d-disponibbiltà, il-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni li tkun se tiġi skambjata fuq il-livell Ewropew.

(d) *Il-Prinċipji tal-orjentament lejn is-servizzi u tal-istandardizzazzjoni:* Il-kapaċitajiet differenti tal-EUROSUR jiġu implimentati permezz ta' approċċ orjentat lejn is-servizz. L-Aġenzija tiżgura li, safejn ikun possibbli, il-qafas tal-EURSUR ikun ibbażat fuq standards miftiehma internazzjonalment.

(e) *Il-Prinċipju tal-flessibbiltà:* L-organizzazzjoni, l-informazzjoni u t-teknoloġija jkunu mfassla sabiex il-partijiet interessati tal-EUROSUR ikunu jistgħu jirreaġixxu għas-sitwazzjonijiet li jkunu qed jinbidlu b'mod flessibbli u strutturat.

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

**1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB.

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Ġustifikazzjoni tal-proposta/inizjattiva

1.6. Tul ta’ żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

**2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI**

2.1. Regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u ta’ kontroll

2.3. Miżuri ta’ prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. L-Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet operattivi

3.2.3. Impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali

3.2.5. Il-parteċipazzjoni ta’ partijiet terzi fil-finanzjament

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

# 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

## 1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

**Proposta għal Regolament li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea tas-Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)**

## 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[17]

Attwalment l-Intestatura 3a, Titolu 18 – Affarijiet Interni

Perspettivi Finanzjarji Multiannwali Futuri: Intestatura 3 (Sigurtà u ċittadinanza)

In-natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida** (finanzjament għal affarijiet interni għall-perjodu mill-2014 sal-2020)

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/ azzjoni ta' tħejjija**[18]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

## 1.3. Għanijiet

### *1.3.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23-24 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill Ewropew iddikjara li "is-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) se tkompli tiġi żviluppata bħala kwistjoni ta' prijorità sabiex issir operazzjonali sal-2013, u tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri biex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni operazzjonali u jtejbu l-kooperazzjoni".

Kif ġie ddikjarat fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni (CWP) għall-2011[19] "l-għan tal-EUROSUR huwa li ssaħħaħ il-kontroll tal-fruntiera esterna ta' Schengen, speċjalment il-fruntieri tal-baħar tan-Nofsinhar u l-fruntieri fuq l-art tal-Lvant. L-EUROSUR se tistabbilixxi mekkaniżmu għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li jwettqu attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri (għassiesa tal-fruntieri, għassiesa tal-kosta, pulizija, dwana, u l-forzi navali) sabiex jaqsmu bejniethom l-informazzjoni operazzjonali u jikkooperaw ma' xulxin u mal-Frontex biex inaqqsu l-imwiet fil-baħar u n-numru ta' migranti illegali li jidħlu fl-UE bil-moħbi, u sabiex tiżdied is-sigurtà interna permezz tal-prevenzjoni tal-kriminalità transkonfinali bħat-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin, il-kuntrabandu ta' armi u drogi, eċċ."

Sa mill-2008, l-Istati Membri tal-UE, l-aġenzija tal-UE għall-fruntieri Frontex u l-Kummissjoni Ewropea qed jikkooperaw mill-qrib sabiex jistabbilixxu u jiżviluppaw il-qafas tal-EUROSUR. Il-komponenti tal-EUROSUR qed jiġu ttestjati u stabbiliti bil-mod il-mod fuq bażi pilota sa mill-2011, bl-użu ta' finanzjament provdut taħt il-baġit tal-Frontex. B'mod parallel, sa mill-2008, l-Istati Membri bdew jużaw il-Fond għall-Fruntieri Esterni biex jistabbilixxu l-komponenti nazzjonali tal-EUROSUR, bħaċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni u sistemi nazzjonali ta' sorveljanza fuq il-fruntieri.

---

17 ABM: Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività – ABB: Ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

18 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6) (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

19 COMCOM (2010) 623 finali, 27.10.2010, VOL. II, 43, 14.

Għalhekk l-attivitajiet ABB li ġejjin huma attwalment ikkonċernati:

*18. 02 – Solidarjetà, fruntieri esterni, ritorn, politika dwar il-viża u l-moviment liberu tal-persuni – Għan 1: Li l-persuni jitħallew jaqsmu l-fruntieri interni mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri, il-promozzjoni tal-fruntieri siguri u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali permezz ta' aktar żvilupp fis-sistema integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni u standards għoljin ta' kontrolli fuq il-fruntieri, inkluż l-istabbiliment tas-SIS II u l-appoġġ finanzjarju mill-Fond għall-Fruntieri Esterni.*

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni paralleli tal-EUROSUR inaqqsu b'mod sinifikanti ż-żmien meħtieġ għall-istabbiliment tagħha u jippermettu wkoll li l-komponenti differenti tal-EUROSUR jiġu ttestjati u adattati qabel issir operazzjonali fl-aħħar tal-2013.

Il-xogħlijiet li twettqu għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-istabbiliment gradwali tal-EUROSUR huma bbażati fuq pjan direzzjonali ppreżentat f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fl-2008.[20] Dan il-pjan direzzjonali kien approvat mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2008 u Frar 2010 u mill-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma.

*1.3.2. Għan(ijiet) speċifiċi u attivita(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

L-EUROSUR għandha żewġ għanijiet speċifiċi, li żżid b'mod sinifikanti l-*għarfien tas-sitwazzjoni* u l-*kapaċità ta' reazzjoni* tal-awtoritajiet ta' kontroll fuq il-fruntieri tal-Istati Membri u tal-Frontex, sabiex fl-aqwa xenarju kull rotta jew metodu ġdid għall-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità transkonfinali jiġi identifikat u ostakolat ftit wara li jkun ġie stabbilit.

*1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

1. *L-għarfien tas-sitwazzjoni* jkejjel kemm l-awtoritajiet huma kapaċi jindunaw bil-movimenti transkonfinali u jsibu soluzzjonijiet raġonevoli għall-miżuri ta' kontroll. Dan jista' jinkiseb billi jintlaħqu l-għanijiet operazzjonali li ġejjin fuq il-livell nazzjonali u Ewropew:

a. It-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-aġenziji permezz tas-simplifikazzjoni ta' strutturi u l-kollegament ta' sistemi fil-qasam tal-infurzar tal-liġi;
b. L-użu tal-fużjoni tad-dejta flimkien ma' kapaċitajiet tekonloġiċi moderni għad-detezzjoni u t-traċċar ta' movimenti transkonfinali, b'mod partikolari bastimenti (żgħar);
c. Skambju ta' informazzjoni intersettorjali ma' atturi oħrajn fil-qasam marittimu, bħat-trasport, id-dwana, il-kontroll tas-sajd u d-difiża;
d. Titjib fl-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi ġirien.

2. Il-*kapaċità ta' reazzjoni* tkejjel iż-żmien li jkun għadda li jinħtieġ sabiex jintlaħaq xi moviment traskonfinali li għandu jiġi kkontrollat kif ukoll iż-żmien u l-mezzi meħtieġa biex ikun hemm reazzjoni xierqa għal ċirkostanzi mhux tas-soltu. L-għanijiet operazzjonali li ġejjin għalhekk għandhom jintlaħqu fuq livell nazzjonali u Ewropew:

a. L-iskambju ta' dejta, informazzjoni u *intelligence* qrib għall-ħin reali u - kull meta jkun hemm bżonn - b'mod sigur, għalhekk għandu jkun hemm bidla minn approċċ immexxi mill-pattulja għal wieħed immexxi aktar mill-*intelligence* li jkun ibbażat fuq l-analiżi tar-riskju;
b. Il-ġestjoni effettiva tal-persunal u r-riżorsi, inklużi s-sensuri u l-pattulji;
c. Il-kejl effettiv, li jevalwa l-effett tal-attivitajiet ta' sorveljanza fuq il-fruntieri, u li għalhekk jipprovdi xenarju bażi ġdid għall-valutazzjoni tar-riskju u l-aġġustament mill-ġdid tal-prijoritajiet.

[20] COMCOM (2008) 68 finali, 13.2.2008 ('pjan direzzjonali tal-EUROSUR').

*Tabella li tgħaqqad flimkien problemi, għanijiet u azzjonijiet*

| Għanijiet speċifiċi | Azzjonijiet ippjanati |
|---|---|
| 1 a – Is-simplifikazzjoni ta' strutturi u l-kollegament ta' sistemi fuq il-livell nazzjonali.<br>2a - Il-ġestjoni effettiva tar-riżorsi u l-persunal.<br>2c - Kejl effettiv. | Stabbiliment ta' *ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni* (NCC) u taċ-Ċentru tas-Sitwazzjoni Frontex (FSC). |
| 2a - Skambju ta' dejta, informazzjoni u *intelligence* qrib għall-ħin reali. | L-istabbiliment tan-*netwerk tal-EUROSUR*, il-kollegament tal-NCCs mal-Frontex.<br>L-istabbiliment tal-Istampa ta' *Intelligence* Prefruntiera Komuni. |
